MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 210/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li llum ghandu tmien (8) xhur.

U illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli principalment minhabba l-fatt li l-konvenut irrenda ruhu hati lejn martu l-attrici ta’ adulterju, li gie anke ammess minnu, u fl-ghaxra (10) ta’ Novembu tas-sena elfejn u erba’ (2004) abbanduna l-fond matrimonjali u sal-lum baqa’ ma rritornax lura.

U illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli wkoll billi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ servizzi u eccessi fil-konfront ta’ martu l-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

U illi l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f’dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali (Dokument B).

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba l-adulterju li l-konvenut ikkommetta fil-konfront ta’ martu kif ukoll minhabba abbandun, servizzi u eccessi imputabbli lill-konvenut, u minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

2. Tafda lill-attrici l-kura u kustodja tal-minuri salv l-access tal-konvenut ghall-istess minuri.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmi minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni mhux necessarjament ugwali u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar il-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-attrici, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabida fid-dar matrimonjali li hi l-appartament ad eskluzjoni tal-konvenut, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop,

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fid-19 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-konvenut jaqbel li l-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabilment, izda dan kien minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici.

2. Illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongiunta b'access liberu ghall-konvenut.

3. Illi huwa jaqbel li jhallas manteniment ghall-minuri Javier u mhux ghall-attrici peress illi hi tahdem.

4. Illi ir-raba talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata u dan peress illi l-attrici hi l-hati tal-firda u

ghalhekk ghandhom jigu applikati kontra taghha d-disposizzjonijiet tal-Artikolu relattivi tal-Kodici Civili fosthom id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 51, 52 u 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Il-konvenut jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta.

6. Illi is-sitt talba ghandha tigi michuda u dan peress illi l-istess dar hija d-dar matrimonjali tal-konjugi.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici u omissis.

Rat in-nota konguntiva presentata mill-partijiet fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet il-partijiet u d-difensuri taghhom u lix-xhud omissis.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici presentat kawza fejn intavolat is-soliti talbiet li jsiru f’kawza ta’ separazzjoni izda l-unika kontestazzjoni fil-verita’ kienet l-ammont ta’ manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut ghall-minuri wild il-kontendenti. Infatti l-partijiet fuq stedina tal-Qorti u kif immexxija tajjeb mid-difensuri taghhom ippresentaw nota konguntiva fejn indikaw il-Qorti fejn qablu bejniethom biex il-Qorti tkun tista’ tippronunzja s-sentenza fuq dawk il-fatti li dwarhom hemm qbil. B’dan il-mod giet

issemplifikata l-kawza l-partijiet se jkollhom il-beneficcju ta’ sentenza fi zmien qasir – infatti l-kawza giet presenata f’Gunju 2005. Dwar dan il-Qorti ma tistax ma tfahharx il-mod prattiku kif id-difensuri tal-partijiet mexxew l-assistiti taghhom u accettaw il-proposta tal-Qorti.

Il-konvenut qed isostni li ma jistax jaghti izjed minn hmistax-il Lira Maltin (Lm15) fil-gimgha (fil-present hemm digriet tal-Qorti fejn qed ihallas tnax-il Lira Maltin {Lm12}) ghall minuri ghaliex jahdem biss *part time* u jdahhal cirka ghoxrin Lira Maltin (Lm20) fil-gimgha. Skond ix-xhud omissis l-konvenut jaghtiha ghaxar Liri Maltin (Lm10) fil-gimgha ghall wild minuri li ghandha minghandu (dan gara wara li l-konvenut u l-attrici infirdu *de facto*). Il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif il-konvenut b’ghoxrin Lira Maltin (Lm20) fil-gimgha qed ihallas minimament ta’ tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm22) fil-gimgha biex imantni lill-uliedu. Bil-fors allura huwa ghandu introjtu iehor li ma jidhirx. Minhabba f’hekk fil-waqt li mhux se tilqa’ ghal kollox it-talba tal-attrici biex jigi akkordat manteniment ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) fil-gimgha, se tawmenta l-istess manteniment ghas-somma ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20) fil-gimgha. Dan qed isir biex il-konvenut jigi nkoraggit li jimpjega ruhu *full-time* u skond il-ligi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti se tippronunzja s-sentenza skond in-nota a fol 27 tal-process (hlief fir-rigward tal-manteniment ghall minuri) u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri f’idejn l-attrici, b’dan li l-konvenut ikollu access ghalih nhar ta’ Sibt bejn is-saghtejn u t-tlieta ta’ wara nofs in nhar;**

**3. fil-waqt li tiddikjara li l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, tikkundanna lill-konvenut ihallas is-**

**somma ta’ ghoxrin lira fil-gimgha bhala manteniment ghall minuri imsemmi;**

**4. tiddikjara li l-partijiet iddekadew ghad-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, salv dak li se jinghad f’din is-sentenza;**

**5. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tordna l-qsim taghha b’dan il-mod; lill-attrici jigi assenjat (bil-mobbli kollha ta’ go fiha) il-fond matrimonjali u cioe’ il-flat numru u hija ghandha tassumi d-dejn mal-HSBC Home Loans Malta Limited; l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta’ elfejn lira li pero minnha trid titnaqqas is-somma ta’ disgha mitt Lira Maltin (Lm900) dovuta lill-istess bank (HSBC Bank Malta plc) dwar self fuq il-vettura Peugeot 405 li qed tigi assenjata lill-konvenut (liema dejn se jibqa jithallas mill-attrici), kif ukoll iridu jitnaqqsu s-somma ta’ erbghin lira dovuta lill-certu Joseph Cutajar li se tithallas mill-attrici u kull multa imhallasa mill-attrici in konnesjoni mal-istess vettura sa dak in nhar li jigi ippublikat il-kuntratt; kif gia inghad il-vettura Peugeot 405 qed tigi assenjata lill-konvenut. Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Alexander Sceberras Trigona biex jippublika il-kuntratt relattiv li ghandhu jigi pubblikat f’ data li tigi iffissata mill-Qorti fuq talba tal-istess Nutar; u lill-Avukat Dottor Phylis Farrugia bhala kuratur tal-eventwali kontumacji.**

**Ghal kull buon fini tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut.**

**L-ispejjes tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------